# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 22 ta' Mejju, 2024.**

**Kawża numru 5**

**Rikors Nru: 1220/2023 ISB**

**Av. Antoine Camilleri (numru tal-karta ta' l-identità 495276 (M)) bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetà estera Louis Vuitton Malletier (Société par actions simplifiée), ta' 2 rue du Pont-Neuf, 75001 Paris, France**

**vs**

**Akakus International Limited (C 63292), ta' Pender Gardens, Block 10, Apt 1051, Triq Sant'Andrija, St. Julians, Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf promotur imressaq mir-rikorrenti noe. fis-26 ta' Ottubru 2023, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex :

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-basktijiet, kartieri u portmonijiet in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lil Kontrollur tad-Dwana, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skont l-Artikolu 2(5) u/jew (6) tar-Regolament U.E. 608/2013;*

2. *Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul u/jew l-importazzjoni gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' basktijiet, kartieri u portmonijiet, li tikkonsisti f'disghat elef sitt mija u hamsin (9,650) bicca f'Containers Numri RNSU4501051 u ECMU8095632, da parti tal-intimati, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjoniji tal-markji rregistrati f'Malta bin-Numru 27443, Numru 63625, Numru 63605 u Numru 63615, kif ukoll fil-konfront tal-EU Trade Marks bin-Numru 018357805, Numru 003891397, Numru 009844391, Numru 000015602, Numru 000310151, Numru 003958444 u Numru 000311985;*

3. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija konsenja ta' basktijiet, kartieri u portmonijiet (inkluz l-imballagg taghhom), li tikkonsisti f'disghat elef sitt mija u hamsin (9,650) bicca f'Containers Numri RNSU4501051 u ECMU8095632, da parti tal-intimati, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini u ghaldaqstant bi vjolazzjoni tal-Artikolu 12(1), (4) u (5) tal-Kap. 597 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tal-*

*markji rregistrati f'Malta bin-Numru 27443, Numru 63625, Numru 63605 u Numru 63615 irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti;*

4. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija konsenja ta' basktijiet, kartieri u portmonijiet (inkluz l-imballagg taghhom), li tikkonsisti f'disghat elef sitt mija u hamsin (9,650) bicca f'Containers Numri RNSU4501051 u ECMU8095632, da parti tal-intimati, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini u ghaldaqstant bi vjolazzjoni tal-Artikolu 9(1), (2) u (3) tar-Regolament U.E. 2017/1001, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tal- EU Trade Marks bin-Numru 018357805, Numru 003891397, Numru 009844391, Numru 000015602, Numru 000310151, Numru 003958444 u Numru 000311985 irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti;*

5. *Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba u/jew tar-raba talba sabiex jiddistruggu l-basktijiet, kartieri u portmonijiet in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-intimati, skont l-Artikolu 8 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u skont il-provvedimenti tal-Kap. 597 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament U.E. 608/2013;*

6. *Tordna kull rimedju iehor li tista' skont it-termini tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Kap. 597 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta, tar-Regolament U.E. 608/2013 u tar-Regolament U.E. 2017/1001 fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;*

7. *Tordna lill-intimati sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-basktijiet, kartieri u portmonijiet in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament U.E. 608/2013;*

*Bl-ispejjez, kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

U dan wara li ppremetta:

*1. Illi s-socjeta' rikorrenti Louis Vuitton Malletier (Société par actions simplifiée), ta' 2 rue du Pont-Neuf, 75001 Paris, France hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju figurattiv maghruf bhala "toile monogram" u s-segwenti markji figurattivi , , u liema markji huma wzati mis-socjeta' rikorrenti fuq diversi prodotti bhal bagalji, abbiljamenti tal-hwejjeg, basktijiet, kartieri, portmonijiet u bosta prodotti ohra, u dan skont kif jidher fuq id-Dokumenti "A", "B", "C", "D", "E", "F", "G", "H", "I", "J" u "K";*

*2. Illi dina s-socjeta' rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali ghar-rigward tal-istess markji figurattivi " , , , u skont il-provvedimenti tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar Drittijiet Dwar Propjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini), kif ukoll skont il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013 concerning customs enforcement of intellectual property rights and repealing Council Regulation (EC) No 1383/2003 u dan ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta' rikorrenti rregistrat dawn l-imsemmija markji bhala markji rregistrati f'Malta mad-Direttorat tar-Registrazzjoniet tal-Proprjeta' Industrijali taht Numru 27443 (kif muri f'Dok. "A"),*

*Numru 63625 (kif muri f'Dok. "B"), Numru 63605 (kif muri f'Dok. "C"), Numru 63615 (kif muri f'Dok. "D"), kif ukoll bhala European Union Trade Marks (EU Trade Marks) mal-"European Union Intellectual Property Office" tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht Numru 018357805 (kif muri f'Dok. "E"), Numru 003891397 (kif muri f'Dok. "F"), Numru 009844391 (kif muri f'Dok. "G"), Numru 000015602 (kif muri f'Dok. "H"), Numru 000310151 (kif muri f'Dok. "I"), Numru 003958444 (kif muri f'Dok. "J") u Numru 000311985 (kif muri f'Dok. "K");*

*3. Illi jirrizulta illi ddahhlet u/jew giet importata gewwa Malta fuq il-vapur "APL TEMASEK", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' basktijiet, kartieri u portmonijiet li jgibu fuqhom sinjali li huma kwazi identici ghal-markji figurattivi , , , u liema konsenja tikkonsisti f'disghat elef sitt mija u hamsin (9,650) bicca f'Containers Numri RNSU4501051 u ECMU8095632, u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta'Malta (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)), bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 597 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar it-Trademarks) u bi ksur tal-provvedimenti tar-Regolament U.E. 2017/1001 on the European Union trade mark, kif inhu ben spjegat hawn taht;*

*4. Illi mill-Poloz ta' Kargu Numri SHZ5578419 u SHZ5574096, flimkien ma' dokumenti ancillari ohra (kopji hawn annessi u mmarkati bhala Dok. "P1" u Dok. "P2") jirrizulta li d-dettalji tal-konsenjatarji ghal merkanzija in kwestjoni huma ndikati bhala "Akakus International Limited, Pender Gardens, Block 10, Apt 1051, Triq Sant'Andrija, St. Julians, Malta";*

*5. Illi d-dhul u/jew l-importazzjoni gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-*

*propjeta' intellettwali huwa projbit skont l-Artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*6. Illi l-uzu minghajr awtorizzazzjoni, fil-process normali tan-negozju, ta' sinjali identici jew simili ghal markji rregistrati Maltin u/jew EU Trade Marks fejn dawn jintuzaw b'rabta ma' oggetti li ghalihom tkun giet irregistrata il-markju Maltija u/jew l-EU Trade Mark fejn ikun hemm jew il-possibilita' ta' konfuzjoni jew fejn dan jista' jiehu vantagg ingust min-natura distintiva jew ir-reputazzjoni tal-markju Maltija u/jew tal-EU Trade Mark jew li jkun ta' detriment ghaliha, huwa projbit skond l-Artikolu 12 tal-Kap. 597 kif ukoll skont l-Artikolu 9 tar- Regolament U.E. 2017/1001;*

*7. Illi dawn l-imsemija basktijiet, kartieri u portmonijiet jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skont l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi taghha skont l-Artikolu 12(1), (4) u (5) tal-Kap. 597 u skont l-Artikolu 9(1), (2) u (3) tar-Regolament U.E. 2017/1001 u dan ukoll kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. "L");*

*8. Illi din il-konsenja ta' basktijiet, kartieri u portmonijiet bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u taht il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar dan il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "M");*

*9. Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita' Ewropea u fil-kazistika tal-"Court of Justice of the European Union" illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropea u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar- Regolament Regolament U.E. 2017/1001 u tar-Regolament U.E. 608/2013 ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;*

*10. Illi l-Artikolu 79 tal-Legislazzjoni Sussidjarja Numru 597.04 jistipula illi l-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar EU Trade Marks huma l-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;*

*11. Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li nghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;*

Rat id-digriet tagħha tat-1 ta' Novembru 2023 u li permezz tiegħu l-kawża kienet appuntata għat-12 ta' Jannar 2024;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Avukat Dr Peter Fenech qua amministratur tas-soċjetà intimata hekk kif maħtur mill-Onorabbli Qorti Kriminali b'digriet tat-3 ta' Awwissu 2023, liema risposta ġiet mressqa nhar l-10 ta' Jannar 2024 u li permezz tagħha ġie eċċepit:

1. *Illi, in linea preliminari, l-esponenti jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li fit-3 ta' Awwissu 2023 (Dok PF1) il-Qorti Kriminali hatritu fil-kariga ta' amministratur tas-socjeta intimata, kumpanija li qed tigi nvestigata rigward diversi abbuzi fiskali fl-importazzjoni u d-dikjarazzjoni ta' merkanzija migjuba f'Malta u hemm investigazzjoni ghaddejja koordinata mill-Prosekutur Delegat Ewropew, il-Pulizija, ufficcjali tad-Dwana u membri tal-Asset Recovery Bureau;*

2. *Illi, l-esponenti jikkonferma li l-merkanzija maqbuda gewwa z-zewg kontejners numri RNSU4501051 u ECMU8095632 jaghmlu parti min-numru kbir ta' kontejners li gew maqbuda parti minn din l-investgazzjoni u tali merkanzija giet misjuba waqt il-verifiki li kienu qed jsiru da parti tal-awtoritajiet imsemmija fil-presenza tal-amministratur u wara li nstabu oggetti b'suspett li jinfringu drittijiet ta' proprejta intelletwali gew mill-ewwel involuti l-ufficcjali tad-Dwana tas-sezzjoni tal-IPR Unit sabiex b'hekk jinbdew il-proceduri ai termini tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi, mill-informazzjoni migbura mill-amministratur fl-inkarigu tieghu jirrizulta li s-socjeta intimata kienet qed taġixxi bħala freight forwarder tal-merkanzija li kienet qed tiġi esportata miċ-Ċina u Ħong Kong lejn Pajjiżi fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Bażikament l-merkanzija kienet qed tintbagħat lejn Malta, iddikjarata mad-Dwana lokali għall-kisba ta' status ta' ċirkolazzjoni ħielsa, bid-dazju u l-VAT jitħallas f'Malta u l-merkanzija tintbagħat/trasportata lejn Pajjiżi tal-Unjoni Ewropeja b'effett immedjat. Rizultat ta' din il-procedura, s-socjeta intimata ma kellha l-ebda hjiel ezatt jekk il-merkanzija kienetx wahda ffalsifikata o meno u l-unika informazzjoni li kellha kienet dik li tinghata mill-klijenti Cinizi taghha u cioe` d-dettalji li tkun moghtija fil-packing list, l-invoice u l-polza tat-taghbija ta' kull kontejner;*

4. *Illi madankollu s-socjeta intimata ma tikkontestax li l-merkanzija maqbuda hija wahda ffalsifikata ai termini tal-Kap 414 tal-Ligjiet ta' Malta u/jew tar-Regolament U.E. Nru 608/2013 u li tikkontravjeni l-markji registrati tas-socjeta rikorrenti u fil-fatt l-amministratur mill-ewwel ikkonferma dan lis-socjeta rikorrenti u l-partijiet anke kienu qablu fuq ftehim (Dok PF2) dwar id-distruzzjoni tal-merkanzija a spese tas-socjeta rikorrenti madankollu minhabba l-investigazzjoni li kienet u ghada ghaddejja din ma kienetx decizjoni tal-amministratur u/jew s-socjeta intimata pero` d-decizjoni finali jekk jigix ffirmat dan il-ftehim kienet dik tal-Prosekutur Delegat Ewropew li ma ridx li l-merkanzija tmur ghad-distruzzjoni (Dok PF3) u l-Qorti Kriminali minhabba din il-pozizzjoni fuq din il-kwistjoni cahdet it-talba ghad-distruzzjoni tal-amministratur ghan-nom tas-socjeta intimata wara li wasal ghal ftehim mas-socjeta rikorrenti stante li l-Prosekutur Delegat Ewropew ikkonstata li l-merkanzija tista tkun rilevanti bhala prova fi proceduri kriminali b'dan illi gie deciz li l-merkanzija ghandha tibqa mizmuma mid-Dipartiment tad-Dwana ta' Malta a spejjez taghha (Dok PF4).*

5. *Illi l-amministratur ghan-nom-tas-socjeta intimata dejjem sostna kemm mas-socjeta rikorrenti kif ukoll mal-awtoritajiet imsemmija u qed jerga jsostni li s-socjeta intimata ma tistax tinzamm*

*responsabbli ghal ebda kumpens ghall-ksur u lanqas ebda spejjeż, taxxa u ħlasijiet assoċjati ma' din il-kunsinna tal-merkanzija in kwistjoni (inkluz din il-kawza) sal-qerda tagħha u dan minħabba l-fatt li l-istat finanzjarju tal-kumpanija huwa f'tali stat li hemm kredituri sostanzjali oħra li se jikklassifikaw qabel tali pretensjonijiet tas-socjeta rikorrenti. Il-kontijiet tal-kumpanija għadhom qed jiġu aġġornati u ladarba l-amministratur ikollu stampa aktar ċara tal-istatement of affairs tal-kumpanija, ikun jista' jiddikjara jekk il-kumpanija hijiex solventi jew le. Sadanittant u b'għarfien tal-lista attwali tal-kredituri tal-kumpanija, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kumpanija mhix wahda pożittiva.*

6. *Illi zgur li s-socjeta intimata ghamlet l-ghalmu taghha sabiex tipprova tirrisolvi l-kwistjoni in materja amikevolment u anke t-taffi l-ispejjez ghall-partijiet kollha pero` minhabba d-decizjoni tal-Prosekutur Delegat Ewropew s-socjeta rikorrenti ma kellha ebda triq ohra hlief li tipprocedi bl-azzjoni de quo ai termini tal-Ligi u zgur li s-socjeta intimata m'ghandhiex tbati ebda spejjez marbuta ma' din il-kawza minhabba d-decizjonijiet tal-Prosekutur Delegat Ewropew.*

7. *Salv risposti ulterjuri.*

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2024 minn fejn jirriżulta illi l-Avukat Peter Fenech qua amministratur tas-soċjetà intimata kien qiegħed jippreżenta seduta stante rikors għas-sejħa fil-kawża tal-European Public Prosecutor's Office (EPPO), u r-rikorrent noe. ingħata żmien għar-risposta.

Ra d-digriet mogħti *in camera* minn din l-istess Qorti nhar id-9 ta' Frar 2024 u li permezz tiegħu t-talba hawn fuq imsemmija għas-sejħa fil-kawża tal-EPPO ġiet miċħuda.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' April 2024 minn fejn jirriżulta illi l-Avukat Peter Fenech qua amministratur tas-soċjetà rikorrenti kien qiegħed jiddikjara illi s-soċjetà intimata kienet qed tammetti t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur.

Rat l-affidavit ta' Randolph Mizzi in rappreżentanza tad-Dwana ta' Malta, ippreżentat mir-rikorrent noe. fid-19 ta' Paril 2024.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' April 2024, bi qbil mad-difensur tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza, b'dan illi kien hemm qbil verbalizzat fis-sens illi:

- Kull parti tbagħti l-ispejjeż tagħha, u
- Fir-rigward tas-seba' talba, il-Qorti għandha tieħu kont tal-fatt illi qabel ma ssir id-distruzzjoni tal-oġġetti mertu tal-kawża, jista' jkun neċessarju illi l-istess oġġetti jintużaw fi proċeduri kriminali.

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati u l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti Louis Vuitton Malletier (Société par actions simplifiée), reġistrata fi Franza hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju figurattiv magħruf bħala "toile monogram" u s-segwenti markji figurattivi , , u liema markji huma wżati mis-soċjetà rikorrenti fuq diversi prodotti bħal bagalji, abbiljamenti tal-ħwejjeġ, basktijiet, kartieri, portmonijiet u bosta prodotti oħra.

Jirriżulta wkoll illi s-soċjetà rikorrenti hija detentriċi tad-dritt ta' proprjetà industrijali għar-rigward tal-istess markji figurattivi " ,

, , u skont il-provvedimenti tal-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjetà Intelletwali (Mizuri Intrakonfini), kif ukoll skont il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013 *concerning customs enforcement of intellectual property rights and repealing Council Regulation* (EC) No 1383/2003 u dan ukoll minħabba l-fatt illi s-soċjetà rikorrenti rreġistrat dawn l-imsemmija markji bħala markji rreġistrati f'Malta mad-Direttorat tar-Reġistrazzjoniet tal-Proprjetà Industrijali taħt Numru 27443, Numru 63625, Numru 63605, Numru 63615, kif ukoll bħala European Union Trade Marks (EU Trade Marks) mal-"European Union Intellectual Property Office" tal-Unjoni Ewropea taħt Numru 018357805, Numru 00389139, Numru 009844391, Numru 000015602, Numru 000310151, Numru 003958444 u Numru 000311985.

Jirriżulta wkoll illi ddaħħlet u/jew ġiet importata ġewwa Malta fuq il-vapur "APL TEMASEK", u/jew ġiet importata temporanjament u/jew tqiegħdet ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles, konsenja ta' basktijiet, kartieri u portmonijiet li jġibu fuqhom sinjali li huma kważi identiċi għall-markji figurattivi , , , u liema konsenja tikkonsisti f'disat elef, sitt mija u ħamsin (9,650) biċċa, maqsuma f'żewġ *containers* bin-numri RNSU4501051 u ECMU8095632, u liema oġġetti ma humiex ġenwini, u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta, bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 597 tal-Ligijiet ta' Malta u bi ksur tal-provvedimenti tar-Regolament U.E. 2017/1001 *on the European Union trade mark*.

Jirriżulta mill-Poloz ta' Kargu u dokumenti anċillari oħra li d-dettalji tal-konsenjatarji għal merkanzija in kwistjoni huma s-soċjetà intimata Akakus International Limited.

Mill-affidavit ta' **Randolph Mizzi in rappreżentanza tad-Dwana** jirriżulta illi *container* RNSU4501051 inħatt fil-Port Ħieles ta' Malta minn fuq il-

vapur APL TEMASEK fil-5 ta' Lulju 2023 u rriżulta illi dan il-kontejner kien ġej miċ-Ċina destinat għal Malta, preċiżament għas-soċjetà intimata.

Jirriżulta illi l-kontejner infetaħ l-għada 6 ta' Lulju 2023 u nstabu diversi oġġetti b'markji li huma sorveljati mid-Dwana għal protezzjoni rigward drittijiet ta' proprjetà intelletwali, u peress illi l-oġġetti konsistenti fi tlett elef, disa' mija u ħamsin (3950) oġġett dehru foloz u suspettużi, inżammu mid-Dwana. L-oġġetti kienu jikkonsistu f'basktijiet, kartieri u portmonijiet b'markji kważi identiċi għal dawk ta' Louis Vuitton Malletier ta' Franza.

Jirriżulta għalhekk illi d-dħul ġewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni għal ċirkolazzjoni ħielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' oġġetti li jikkontravjenu dritt dwar il-proprjetà intellettwali huwa projbit skont l-Artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta, ukoll fid-dawl taċ-ċertifikat maħruġ mill-Head of Anti-Counterfeiting Europe ta' Louis Vuitton Mallettier (fol 56) li jikkonferma illi "*….. after examining the samples, I can confirm that the products in question are definitely counterfeit and that they were not produced by, or with the authorization of Louis Vuitton or any of its affiliates or licensees …..*".

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-użu mingħajr awtorizzazzjoni, fil-proċess normali tan-negozju, ta' sinjali identiċi jew simili għal markji rreġistrati Maltin u/jew EU Trade Marks fejn dawn jintużaw b'rabta ma' oġġetti li għalihom tkun ġiet irreġistrata il-markju Maltija u/jew l-EU Trade Mark fejn ikun hemm jew il-possibilità ta' konfużjoni jew fejn dan jista' jieħu vantaġġ inġust min-natura distintiva jew ir-reputazzjoni tal-markju Maltija u/jew tal-EU Trade Mark jew li jkun ta' detriment għaliha, huwa projbit skont l-Artikolu 12 tal-Kap. 597 kif ukoll skont l-Artikolu 9 tar-Regolament U.E. 2017/1001.

Illi għalhekk il-Qorti hija konvinta illi dawn l-imsemmija basktijiet, kartieri u portmonijiet jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà rikorrenti skont l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi tagħha skont l-Artikolu 12(1), (4) u (5) tal-Kap. 597 u skont l-Artikolu 9(1), (2) u (3) tar-Regolament U.E. 2017/1001.

Illi l-Qorti tqis għalhekk illi l-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi għandhom mis-sewwa. Fuq kollox, kien hemm anke l-ammissjoni reġistrata da parti tas-soċjetà intimata.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, wara li rat u eżaminat il-provi mressqa u fid-dawl anke ta' dak miftiehem bejn il-partijiet fl-udjenza tad-19 ta' April 2024, qegħda, filwaqt illi tiċħad kwalsiasi eċċezzjoni mressqa, tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti noe, u:

1. **Tiddikjara** illi l-basktijiet, kartieri u portmonijiet in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjetà rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, huma oġġetti falsifikati u/jew oġġetti mdaħħla b'piraterija skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew skont l-Artikolu 2(5) u/jew (6) tar-Regolament U.E. 608/2013.

2. **Tiddikjara** illi d-dħul u/jew l-importazzjoni ġewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' basktijiet, kartieri u portmonijiet, li tikkonsisti f'disat elef, sitt mija u hamsin (9,650) biċċa f'Containers Numri RNSU4501051 u ECMU8095632, da parti tal-intimati, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjetà rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà rikorrenti in kwantu li ma humiex ġenwini skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-reġistrazzjoni tal-markji rreġistrati f'Malta bin-Numru 27443, Numru 63625, Numru 63605 u Numru 63615, kif ukoll fil-konfront tal-EU Trade Marks bin-Numru 018357805, Numru 003891397, Numru 009844391, Numru 000015602, Numru 000310151, Numru 003958444 u Numru 000311985.

3. **Tiddikjara** illi l-imsemmija konsenja ta' basktijiet, kartieri u portmonijiet (inkluż l-imballaġġ tagħhom), li tikkonsisti f'disat elef, sitt mija u ħamsin (9,650) biċċa f'Containers Numri RNSU4501051 u ECMU8095632, da parti tal-intimati, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li

għamlet is-soċjetà rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi tas-soċjetà rikorrenti in kwantu li ma humiex ġenwini u għaldaqstant bi vjolazzjoni tal-Artikolu 12(1), (4) u (5) tal-Kap. 597 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan fil-konfront tar-reġistrazzjoni tal-markji rreġistrati f'Malta bin-Numru 27443, Numru 63625, Numru 63605 u Numru 63615 irreġistrati f'isem is-soċjetà rikorrenti.

4. **Tiddikjara** illi l-imsemmija konsenja ta' basktijiet, kartieri u portmonijiet (inkluż l-imballaġġ tagħhom), li tikkonsisti f'disat elef, sitt mija u ħamsin (9,650) biċċa f'Containers Numri RNSU4501051 u ECMU8095632, da parti tal-intimati, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjetà rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi tas-soċjetà rikorrenti in kwantu li ma humiex ġenwini u għaldaqstant bi vjolazzjoni tal-Artikolu 9(1), (2) u (3) tar-Regolament U.E. 2017/1001, u dan fil-konfront tar-reġistrazzjoni tal- EU Trade Marks bin-Numru 018357805, Numru 003891397, Numru 009844391, Numru 000015602, Numru 000310151, Numru 003958444 u Numru 000311985 irreġistrati f'isem is-soċjetà rikorrenti;

5. **Tordna** lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-soċjetà rikorrenti a bażi tal-ewwel tlett talbiet sabiex jiddistruggu l-basktijiet, kartieri u portmonijiet in kwistjoni mingħajr ebda kumpens lil, u a spejjeż tal-intimati, skont l-Artikolu 8 tal-Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta u skont il-provvedimenti tal-Kap. 597 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-Regolament U.E. 608/2013, **IŻDA, <u>BISS WARA</u> ILLI <u>L-PARTIJIET</u> JAĊĊERTAW RUĦHOM ILLI L-AWTORITAJIET KOMPETENTI JIĊĊERTIFIKAW ILLI L-ISTESS OĠĠETTI MHUMIEX NEĊESSARJI U BŻONNJUŻI GĦAL XI PROĊEDURI KRIMINALI ILLI HEMM PENDENTI JEW LI GĦAD IRIDU JIĠU ISTITWITI**.

6. **Tordna** lill-intimati sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha fir-rigward tat-trasport, tal-ħażna, tad-distruzzjoni tal-basktijiet, kartieri u portmonijiet in kwistjoni, u tal-ispejjeż tal-uffiċjali tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta u tar- Regolament U.E. 608/2013;

7. **Tastjeni** mill-ħames talba tar-rikorrenti noe.

Kif inoltre miftiehem bejn il-partijiet, kull parti għandha tbati l-ispejjeż u d-drittijiet tagħha fir-rigward ta' dawn l-odjerni proċeduri.

**Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**